Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

L-GHAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 4 – Il-Ħamis 26 ta' Settembru fit-3:30pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 8 ta' Awwissu fit-3:00pm.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**4.1 Talba**

4.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**4.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

4.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi b'sodisfazzjon għamel referenza għall-applikazzjoni li l-Kunsill isottometta taħt l-iskema SPI/SCI/02/2024 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Kommunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi ġiet aċċettata u għalhekk se ningħataw €40,950.00 sabiex tibda l-ewwel fażi tal-upgrading tal-ġnien ta' quddiem il-Kunsill u b'mod partikolari ir-restawr tal-monument tal-gwerra. Il-Perit Godwin għaddielna sketch sabiex inkunu nistgħu nibdew ir-rampi.

J.F. de Chambray Street, Ghajnsielem, GSM 1051
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

### 4.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

4.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-kuntatt li kellu mal-Ministru Jotienne Abela rigward l-importanza tal-ftuħ mill-ġdid tal-berġa tal-lokal.

4.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca ghamel referenza ghal-laqgħa li attenda ma' Transport Malta fejn fost l-ohrajn sahaq fuq l-importanza ta' traffic calming measures jew speed cameras fi Triq Imgarr.

4.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal ħsara li ġarrab il-plastic tan-nofs li hemm fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku Kevin Cauchi wieġbu billi dan is-suġġett ġie trattat mal-Perit Edward Scerri fejn ukoll akkwistajna l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jitneħħa, iżda peress li l-proġett li sar kien EU funded irridu nistennew ħames snin jgħaddu biex inkunu nistgħu nagħmlu xi tibdil fuqha.

4.5.4 Is-Sindku f'isem il-Kunsill rringrazzja lill-kunsillier Teddy Saliba li mexxa l-Kampanja tal-Cleanup the World 2024. Is-Sur Saliba wieġeb li kienet suċċess u nġabru ħafna xkejjer ta' skart iżda fadal nofs il-Wied x'jitnaddaf.

4.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba ghamel referenza għal fatt li wara l-Grand Hotel hemm barrier tal-hadid u hemm il-ġebel jiċċaqlaq u jinħtieġ manutenzjoni.

4.5.6 Il-Viċi Sindku Joseph Debono refera għall-bozza mahruqa fi Triq Fuq il-Ghajn. Is-Sindku wieġbu li t-tiswija tagħħa saret dawn il-ġranet.

4.5.7 Il-Vici Sindku Joseph Debono talab sabiex isir bank ħdejn il- Bus Stop fejn Radju Lauretana. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.5.8 Il-Vici Sindku Joseph Debono talab sabiex isir dogbin fi Triq Għajnsielem. Is-Sindku wieġbu li dak ser jitwaħħal dalwaqt.

### 4.6 Korrispondenza

4.6.1 Saret referenza għall-ittra li rċevejna mill-Avukat Mompalao f'isem il-Familja Spiteri ta' Triq Dun Franġisk Mizzi fejn qed iżommu lil Kunsill responsabli għal ilma tax-xita li qed jaqleb kollu lejn id-dar taghhom u qed jikkawzalhom ħsarat fil-post. Il-Kunsill se jirrispondi permezz tal-Avukat Dr Joshua Grech għal fatt li il-propjeta inbniet ferm wara li saret it-triq, li minħabba n-natura tat-triq bilfors l-ilma tax-xita jaqleb fuq il-parti tagħhom u minkejja li hi problema ta' diversi djar u toroq oħrajn, il-familja Spiteri hi fortunata li quddiemom hemm żewġ storm water culverts, ħaġa li kważi ma ssiba f'ebda triq oħra. Sar qbil li għandna nirrispondu l-ittra permezz tal-Avukat Joshua Grech.

**4.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Il-proċess ta' l-evalwazzjoni tal-offerti huwa lest.

**4.7.8 Bini Arkata**

- Eko-Għawdex iffirmaw li jidħlu bħala partners sabiex niksbu 100% tal-fondi neċċċessarji mid-DPF minflok 80%.
- Qed nistennew mill-Perit saibex jfassal dokument tat-tender u l-bqija tad-dokumenti rikjesti mill-Bord tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**4.7.9 Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija**

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

**4.7.10 Tindif tal-Wied Simirat**

- Ix-xogħol ta' tindif u bini tal-ħitan tas-sejjieħ huwa lest.

**4.7.11 Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Hekk kif il-Kunsill ingħata fondi sabiex jibda jagħti dehra ġdida lil dan l-ispazju miftuħ, prijorita għanda tkun ir-restawr tal-monument tal-Vittmi tal-Gwerra li ilu mill-1994. Sar qbil li x-xogħol jingħata lir-restawratur espert f'dan il-qasam Rudolph Cauchi.

**4.8 Aġġornament dwar il-Proġett tal-Pjazza**

4.8.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm il-Perit Godwin Sultana fejn spjega id-disinn u l-materjal li qed jipproponi li jintuża għall-pavimentar tal-pjazza. Sar qbil li qabel niddeċiedu għandna ngibu tlett samples ta' pavimentar bhal terrazzo, granit u anke lava stones. Is- Sindku Kevin Cauchi enfasizza li s-samples għandhom jiġu ordnati kemm jista jkun malajr. Il-Perit għamel referenza għat- taraġ fejn jixtieq jagħmel enfasi fuq il-kartunieri minħabba d-disinn uniku tiegħu. Huwa spjega iż-żewġ options li hemm u l-Kunsill qabel li t-turġien jibqgħu l-stess livell u jinħolqu effetti li jispikkaw il-kantunieri permezz tad-dwal.

4.8.2 Sar qbil li bħala proċess ta' applikazzjoni ta' żvilupp għandna mmorru mal-ewwel għal full development permit li jieħu madwar sitt xhur.

4.8.3 Il-Kunsill qabel mad-disinn u kif ikun finalizżat jiġi preżentat lil Paroċċa t'Għajnsielem u Kurja u dwaru jsiru konsultazzjonijiet anke ma' għaqdiet. Sar qbil li

tal-presepji

4.13.10 Ġiet trattata l-istedina mill-Għaqda Hbieb tal-Presepju Għajnsielem sabiex il-Kunsill ikun preżenti fl-inawgurazzjoni tal-Presepju fil-Parlament Ewropew fi Brussel nhar it-3 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill qabel li min mill-kunsilliera u Segretarju Ezekuttiv hu nteressat li jattendi għandu jitħallaslu biss il-passaġġ tal-ajru.

**4.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

4.14.1 Ġiet preżentata skeda numru 135 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**4.15 Materji oħra**

**4.15.1** Applikazzjoni għal Skema Vjal kulħadd imnedija minn Transport Malta - Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għaċ-ċirkulari AKL 2024/056_Vjal Everyone - Opportunity to start implementing the 'slowstreets' project", skema ta' 10 milljuni allokata għal dawk il-Kunsilli Lokali li pparteċipaw fi Slow Streets.

4.15.2 Il-Kunsill iddiskuta x'nistgħu ninkludu bħala proġett u ġew diskussi fost l-oħrajn li:-

- Inwessgħu l-bankini tal-area tal-Gudja u nirranġaw l-area u tkun tinkludi wkoll solar lighting u jkun aktar pedestrian friendly.
- Nirranġaw it-traffic directions minn Triq J F de Chambray għal Triq Għajnsielem peress li hawn problema bl-exits lejn it-triq tax-xatt u li dawn it-toroq iservu wkoll bħala l-ewwel impressjoni tad-daħliet tal-lokal.

4.15.3 Preżenti għal-laqgħa kien hemm il-Coach ta' Ghajnsielem FC Nursery is-Sur Elton Vella fejn stqarr li jidher li hemm entużjażmu kbir u li l-affarijiet sabiex jimxu 'l quddiem jinħtieġ commitment kbir iżda huwa jinsab impressjonat bl-entuzjazmu u li l-affarijiet fil-Club qed isiru tajjeb ħafna. Huwa rringrazzja lill-President u s- Segretarju u l-kumplament tal-Club li laqgħuh ħafna u li taw ħafna mportanza lis-settur tat-tfal li xtaqu li lit-tfal ta' Ghajnsielem jipprovdulhom l-aqwa u l-aħjar. Ġew diskussi l-proġetti ta' xiri ta' kits u opportunitajiet li jista jkollhom anke barra minn Malta anke permezz tar-relazzjonijiet ta' gemmellaggi li għandu l-Kunsill.

4.15.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rringrazzjah tal-commitment serju li qed juri u wieġbu li l-options li qed jara huma ma' opportunita' ta' skambju ma' Tolfa jew ma' Loretu. Is-Sindku sahaq ukoll kemm huwa mportanti li t tfal tagħna jilgħabu ma' rħula oħra. Naraw ftit kif nistgħu niddiskutu din l-inizjattiva mal-irħula ġemellati magħna.

### 4.16 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

4.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru 2024 fit-3:00pm.

***Kevin Cauchi***

***Sindku***

***Lucienne Haber***

***Segretarju Eżekuttiv***